MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 961/1992/1

**Joseph Galea**

***Versus***

**Paola mart Alexander Miceli u l-istess Alexander Miceli bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Cecila mart Brian Bajada u l-istess Brian Bajada bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u l-istess Brian Bajada b'dikriet tal-10 t'April 1991 maħtur bħala kuratur deputat sabiex jidher għall-assenti Jospeh Galea u l-assenti Marika mart Charles Attard u l-istess Charles Attard bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, ilkoll f'isimhom proprju fil-kwalità tagħhom ta' eredi tal-mejjet Raffaele *sive* Effie Galea; u b'dikriet tas-17 ta' Marzu 1996 issejħu fil-kawża Louis Galea u Catherine Spiteri**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni li ġarrab meta ma tħalliex igawdi sehmu minn negozju li tħalla lilu bi prelegat.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bis-saħħa ta' testment *unica charta* tat-3 ta' Ġunju 1961 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon, l-attur flimkien ma' ħuh Raffaele Galea, illum mejjet, missier il-konvenuti, u Antonio Galea, ħuhom ieħor, kienu wirtu bi prelegat mingħand il-ġenituri tagħhom Carmelo u Antonia miżżewġin Galea t-tmexxija tal-ħanut numru mija u disgħin (190), Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, l-avvjament u d-ditta *Carmelo Galea*.

Raffaele Galea kien ilu jmexxi l-ħanut mill-1966, meta miet il-missier, u l-attur kien impjegat mal-gvern sal-1986. Mill-1985 Raffaele Galea beda jħalli l-ħanut magħluq, bi ħsara kbira għall-attur għax minħabba f'hekk beda jintilef l-avvjament.

Meta l-attur kien wasal biex jirtira mill-impjieg tiegħu minn mal-gvern fi Frar ta' l-1986 kien talab lil Raffaele Galea jagħtih iċ-ċwievet tal-ħanut sabiex jibda jmexxih hu, kif kellu l-jedd illi jagħmel bis-saħħa tat-testment fuq imsemmi, iżda Raffaele Galea ma riedx jagħti ċ-ċwievet lill-attur, għalkemm dan talabhomlu kemm-il darba.

Minħabba dan l-għemil ta' Raffaele Galea bi ksur tal-liġi, l-attur ġarrab u għadu jġarrab danni kbar.

Raffaele Galea miet f'Diċembru ta' l-1989, u l-attur sar jaf illi l-konvenuti għaddew iċ-ċwievet tal-ħanut lil terzi.

Għal dawn ir-raġunijiet l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti f'isimhom proprju u bħala werrieta ta' Raffaele Galea għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur meta hu bi ksur tal-liġi kien imċaħħad u miżmum milli jmexxi l-avvjament tal-ħanut;
2. tillikwida dawn id-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' tliet ittri interpellatorji, ta' żewġ ittri uffiċjali u ta' mandat ta' sekwestru.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-Qorti tal-Kummerċ hija inkompetenti *ratione materiæ* biex taqta' u tisma' din il-kawża; din l-eċċezzjoni kienet intlaqgħet b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ, li quddiemha kienet tressqet il-kawża, fit-22 ta' Jannar 1992, imwettqa mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 t'Awissu 1992, u l-kawża tkompliet quddiem din il-qorti;

2. l-attur qatt ma ħa sehem, la fiżikament u lanqas finanzjarjament, fit-tmexxija tal-ħanut għal għoxrin sena, u hekk "irrinunzja impliċitament" għal kull jedd li kellu biex imexxi l-ħanut;
3. wara l-mewt tal-missier l-attur flimkien mal-werrieta l-oħra wiret il-proprjetà tal-ħanut, u meta l-ħanut ingħalaq fi Frar ta' l-1986 l-attur kien imissu ressaq it-talba tiegħu dakinhar lis-sidien l-oħrajn kollha tal-ħanut;
4. l-eċċipjenti flimkien mas-sidien l-oħra tal-ħanut ma ridux li jkun hemm xi tmexxija tal-ħanut qabel ma jintlaħaq ftehim dwaru; dan il-ftehim intlaħaq fl-1990 u l-attur kien ta l-kunsens tiegħu permezz tal-mandatarju tiegħu;
5. din il-kawża kellha ssir kontra s-sidien kollha tal-ħanut u mhux kontra l-eċċipjenti biss; u
6. f'kull każ, kemm l-eċċipjenti kif ukoll is-sidien l-oħra kienu qegħdin jinqdew bil-jedd tagħhom ta' proprjetà fuq il-fond, u l-imġieba tagħhom kienet konsegwenza tal-jedd tagħhom ta' proprjetà.

B'dikriet tas-17 ta' Mejju 1996 issejħu fil-kawża Louis Galea u Catherine Spiteri, iżda dawn ma ressqux eċċezzjonijiet.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Carmelo Galea, missier l-attur u nannu tal-konvenuti, kien imexxi negozju minn ħanut fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta. Fit-testment li Carmelo Galea kien għamel *unica charta* ma' martu Antonia fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon fit-3 ta' Ġunju 1961, it-testaturi, wara li ħallew lil min jibqa' ħaj fosthom l-użufrutt tal-beni kollha, iddisponew hekk dwar il-ħanut u n-negozju:

Suċċessivament għall-użufrutt ordnat a favur is-superstite fost it-testaturi u wara l-mewt ta' l-istess, it-testaturi jħallu lil binthom Maria Galea l-użufrutt tal-ħanut (l-immobile) in Valletta, Merchants Street ġà Strada Merkanti, numru mija u disgħin (190) … … …

It-testaturi jħallu in piena u assoluta proprjetà u b'titolu ta' prelegat lil ulieduhom Antonio, Raffaele u Giuseppe l-eżerċizzju tal-ħanut in Valletta, Merchants Street ġà Strada Merkanti, numru mija u disgħin, l-avvjament u d-ditta *Carmelo Galea*, bl-obbligu li jżommu l-merkanzija kollha eżistenti fl-istess ħanut u fil-maħżen … … … bil-prezz tal-fattura u bl-obbligu wkoll li jħallsu lil ħuthom

[bniet] … … … is-somma ta’ elf u mitejn lira (£1,200) bejniethom it-tlieta.
… … …
It-testaturi jikkonċedu in lokazzjoni lil uliedhom Antonio, Raffaele u Giuseppe l-imsemmi ħanut in Merchants Street, numru 190, versu l-kera (*fitto*) ta’ lira sterlina kuljum (*al giorno*) u din il-lokazzjoni tiddekorri mill-ġurnata tal-mewt tas-superstite fost it-testaturi.

Wara l-mewt tat-testaturi t-tliet aħwa subien, Raffaele missier il-konvenuti, Giuseppe l-attur, u Antonio missier l-imsejħa fil-kawża, ħarġu erba’ mitt lira kull wieħed biex hekk ħallsu lil ħuthom bniet is-somma ta’ elf u mitejn lira li kienu marbuta li jħallsuhom bħala kondizzjoni tal-prelegat. Billi, dak iż-żmien, l-attur kien impjegat mal-gvern ma ħax sehem fit-tmexxija tal-ħanut, li għalhekk beda jitmexxa minn Raffaele u Antonio. Fl-*affidavit* tiegħu maħluf fit-3 ta’ Lulju 1995[1] l-attur ma qalx li ħareġ ukoll sehmu biex tinkiseb il-merkanzija “bil-prezz tal-fattura”, iżda qal illi baqa’ jinteressa ruħu fit-tmexxija tal-ħanut billi jiddiskuti ma’ ħutu meta kienu jittieħdu xi deċiżjonijiet u jiffirma meta jkun meħtieġ. Kien iffirma wkoll prokura biex Raffaele waħdu jkun jista’ jħaddem il-kont li n-negozju kellu mal-bank. Il-kera lill-użufruttwarja dejjem ħallasha Raffaele waħdu.

It-tmexxija tan-negozju minn Raffaele u Antonio baqgħet sa ma, fl-1980, Antonio ċeda sehmu lil ibnu Louis Galea, imsejjaħ fil-kawża, u dan daħal floku. Baqgħu jmexxu Raffaele u Louis Galea flimkien, għalkemm id-deċiżjonijiet x’aktarx kien jeħodhom Raffaele.

Fl-1983 Raffaele siefer għal xi tliet xhur u ħalla t-tmexxija f’idejn Louis. Ġara iżda li Louis siefer ukoll u abbanduna l-ħanut, li kellu jmexxih missieru Antonio sa ma reġa’ lura Raffaele. Meta Raffaele ġie lura, billi deherlu illi Louis kien mexxa ħażin u għamel ħażin li abbanduna l-ħanut, ma riedx li Louis jerġa’ jibda jaħdem miegħu u għalhekk beda jmexxi n-negozju waħdu. Ftit ta’ żmien wara saħħet Raffaele bdiet tmur lura u għalhekk beda jnaqqas ix-xogħol sakemm fl-1985 għalaq il-ħanut.

Fl-1986, imbagħad, meta l-ħanut kien ilu xi żmien magħluq, l-attur temm l-impjieg tiegħu mal-gvern billi

[1] *Foll.* 80 *et seq.*

ħareġ bil-pensjoni u ippretenda illi l-ħanut jibda jmexxih hu. Fittex li jilħaq ftehim ma' l-aħwa iżda ma waslux, u Raffaele ma riedx jagħtih iċ-ċavetta. L-attur issa qiegħed igħid illi, meta ma tahx iċ-ċavetta, Raffaele ċaħħdu mis-setgħa li jmexxi n-negozju u li jagħmel qligħ minnu. Għalhekk qiegħed ifittex għad-danni minħabba l-qligħ li tilef.

Biex il-konvenuti, bħala werrieta ta' Raffaele, ikunu marbuta li jagħmlu tajjeb għad-danni, l-attur irid juri illi Raffaele kien ħati ta' att illeċitu bi ksur tal-jeddijiet tiegħu. Rajna illi Raffaele kien beda jnaqqas ix-xogħol sa ma għalaq il-ħanut fl-1985 minħabba raġunijet ta' saħħa. Ċertament, Raffaele ma kienx marbut li jkompli jmexxi n-negozju, aktar u aktar meta saħħtu ma ħallitux. Li kieku Raffaele kellu dak l-obbligu, *i.e.* li jkompli jmexxi l-ħanut biex ma jintilifx l-avvjament, daqshekk ieħor kellu dak l-obbligu l-attur.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, ma jistax jingħad illi Raffaele kien ħati ta' xi nuqqas meta ħalla li l-avvjament tal-ħanut imut għax żammu magħluq. Jekk l-attur kellu interess illi dan ma jseħħx, kien imissu offra ruħu biex imexxi l-ħanut qabel l-1985, u mhux stenna sal-1986, meta ħareġ bil-pensjoni, meta allura l-avvjament kien ġà miet.

Għaldaqstant, l-attur ma jistax igħid, kif igħid fiċ-ċitazzjoni, illi "huwa ġie illegalment u abużivament imċaħħad u impedut [minn Raffaele] milli jeżerċita l-avvjament tal-ħanut", għax meta hu ippretenda li jmexxi l-ħanut avvjament ma kienx hemm.

L-attur jista' jgħid illi, għalkemm avvjament ma kienx hemm fl-1986, xorta kellu jedd jiftaħ il-ħanut u javvjah mil-ġdid bis-saħħa tat-titolu ta' lokazzjoni.

Iżda, barra mill-fatt illi l-premessi tat-talbiet ta' l-attur huma mibnija fuq sehmu mill-avvjament u mhux fuq it-titolu ta' lokazzjoni, u għalhekk argument mibni fuq it-titolu ta' lokazzjoni ma jolqotx il-meritu tal-kawża, għandu jingħad ukoll illi huwa dubjuż kemm tassew l-attur kien għad għandu sehem fil-lokazzjoni meta qatt ma ħallas sehmu mill-kera u kien biss Raffaele li ħallas il-kera, u għalhekk kompla jġedded it-titolu ta' kiri.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------